MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-20 ta' Ottubru, 2021

Rikors Numru 34/2020 LM

**Vella Estates Limited (C 9908)**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Old Mill Developments Limited (C 49801)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa rikors ippreżentat mis-soċjetà intimata **Old Mill Developments Limited (C 49801)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'] u **Emanuel Mallia fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Old Mill Developments Limited (C 49801) u Emanuel Mallia (K.I. 665952M) u Rita Mallia (450655M) persolament** [flimkien 'ir-rikorrenti odjerni], ippreżentat fl-10 ta' Awwissu, 2020 *ai termini* tal-artikolu 70 tal-Kap. 387, wara lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru

5407/2018 tal-4 ta' Ġunju, 2020, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'] mill-Arbitru l-Perit Elena Borg Costanzi [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"], u kif sussegwentement kjarifikat permezz tad-deċiżjoni ulterjuri *ai termini* tal-artikoli 47 u 48 tal-Kap. 387, li permezz tiegħu ddeċiediet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **Vella Estates Limited (C 9908)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà rikorrenti'] fil-konfront tal-imsemmija soċjetà intimata kif ġej:

> *"Tilqa' l-ewwel Talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-ammont ta' €79,753.70 huwa dovut lil Vella Estates Limited mingħand Old Mill Developments Limited b'riżultat ta' self li għamlet is-soċjeta Vella Estates Limited lil Old Mill Developments Limited.*
>
> *Tilqa' t-tieni talba u tordna li din is-somma għandha titħallas lil Vella Estates Limited mil-flus miżmuma* in escrow *għand Dr. Shazoo Ghaznavi kif indikat f''Dok VE 3' u 'Dok VE 4'.*
>
> *Tordna li l-imgħax fuq l-imsemmija ammont għandu jiddekorri mid-data ta' dan il-lodo arbitrali u skont il-liġi."*

**Fatti**

2. Permezz ta' *Shareholders' Agreement*[1] tal-azzjonisti tas-soċjetà intimata, jiġifieri John Vella fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjeta rikorrenti għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, Emanuel Mallia u Rita Mallia, is-soċjetà rikorrenti ntrabtet sabiex issellef somma ta' flus lis-soċjetà intimata sabiex din teżegwixxi xogħlijiet ta' twaqqigħ u żvilupp fuq proprjetà skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imniżżla fl-imsemmi ftehim, inkluż dawk fir-rigward tal-modalità tal-ħlas lura tal-flus mislufa. Ġara li nqala' xi diżgwid bejn iż-żewġ soċjetajiet dwar dak li kien

[1] Dok. VE2 anness mal-Avviż tal-Arbitraġġ.

dovut lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata, u għalhekk huma ffirmaw ftehim bejniethom fil-15 ta' Frar, 2018[2], fejn ftiehmu li s-somma ta' €139,840 kellha tiġi depożitata f'*escrow account* mal-Avukat Shazoo Ghaznavi, li kellu jħallas lil wieħed jew liż-żewġ partijiet skont l-istruzzjonijiet bil-miktub tagħhom jew skont il-lodo arbitrali mogħti minn Arbitru li kellu jiġi magħżul mill-partijiet. Iżda s-soċjetà intimata u s-soċjetà rikorrenti ffirmaw ftehim ulterjuri fil-15 ta' Mejju, 2018[3], fejn filwaqt li ġie dikjarat li l-Arbitru kellha tkun il-Perit Elena Borg Costanzi, huma ftiehmu wkoll dwar kif kellhom jiġu regolati l-proċeduri tal-arbitraġġ, fejn fost kundizzjonijiet oħra huma qablu li l-lodo arbitrali kellu jkun wieħed finali u mhux appellabbli.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri ta' Arbitraġġ permezz ta' Avviż tal-Arbitraġġ fl-24 ta' Mejju, 2018, fejn fissret li hija kellha pretensjoni fil-konfront tas-soċjetà intimata fis-somma ta' €79,753.70, rappreżentanti self ta' flus kontanti lill-istess. Għalhekk talbet sabiex l-Arbitru tordna li l-imsemmi ammont jitħallas lilha minn dik is-somma li kienet qiegħda tinżamm f'*escrow account* mill-Avukat Shazoo Ghaznavi.

**<u>Il-Lodo Arbitrali</u>**

4. It-Tribunal wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

---

[2] Dok. VE3 anness mal-Avviż tal-Arbitraġġ.
[3] Dok. VE4 anness mal-Avviż tal-Arbitraġġ.

***"FATTI U SOTTOMISSJONIJIET RILEVANTI LI TRESSQU QUDDIEM L-ARBITRU***

*It-talba ta' VEL hija għas-somma ta' €79,753.70 illi toħroġ bħala id-differenza bejn is-self ta' €230,000 kif miftiehem fl-*agreement *(fn. 20 Memorandum) u l-ammont ta' €374,755.06 (fn. 21 DOK VE 2) illi huwa t-total ippreżentat minn VEL bħala kumulazzjoni ta' spejjes illi VEL ħarġet tul il-progett u* ċioe' *minn meta beda it-twaqqiegħ tal-fond sat-tfassil tal-kontrabejt.*

*Miftiehem li l-proġett kellu jiġi ffinanzjat minn VEL, madankollu, MAL ikkontestaw diversi mill-pagamenti li għamlet VEL, wara li tlesta l-progett, u ċioe' il-maġġorparti tas-somma ta' €79,753.70.*

*Illi mis-somma totali ta' €374,755.06 illi VEL qed jikkontendi li ħarġet mhuwiex aċċettat minn MAL, għalkemm hemm qbil illi minn dan il-valur hemm ammont konsiderevoli mill-bejgħ tal-appartamenti (fn. 22 DOK VE 5).*

*Illi MAL qegħdin jagħtu tlett raġunijiet prinċipali għalfejn fl-opinjoni tagħhom, VEL m'għandiex titħallas id-€79,753.70.*

A. *L-ewwel raġuni hija minħabba li sar ammont ta' xogħol fil-pedamenti tal-garaxxijiet eżistenti fejn il-ġibjun eżistenti li fuqhom kellha tiġi żviluppata l-arja tal-garaxxijiet u* ċioe' *is-somma ta' €10,126.90. MAL xehed li huma għandhom x'jaqsmu biss ma kull xogħol li sar mis-saqaf tal-garaxxijiet 'il fuq.*
B. *It-tieni raġuni hija li VEL ħallset €50,000 lil Joseph Farrugia għal DB Construction u għal dawn il-ċekkijiet ma kienx hemm il-kunsens minn MAL.*
C. *It-tielet raġun hi li l-multa mis-CIR ta' €4,864.24 m'għandux ibagħtiha OMD.*

*Iċ-ċifri elenakati f'Dok EM 1 (fn. 23 Dok EM 1 sa Dok EM 4 ġew preżentati permezz ta' nota tal-Av. Dr Raphael Fenech Adami fit-3 ta' Mejju 2018), fejn MAL indikaw b'X' u li qegħdin jirrifjutaw li dawn il-flus jiġu rilaxxati favur VEL, jammontaw għal €66,423.59 u għaldaqstant, fil-fehma tal-Arbitru MAL m'għandhomx oġġezzjoni li d-differenza fl-ammont ta' €13,330.11 (fn. 24 €79,753.70 - €66,423.59) hija dovuta lill-VEL.*

| | |
|---|---|
| *PAGAMENT LIL FARRUGIA* | *€ 50,000.00* |
| *SPEJJEŻ GĦALL-PEDAMENTI* | *€ 10,126.90* |
| *MULTA* | *€ 4,864.24* |
| *SPEJJEŻ OĦRAJN* | *€ 1,432.45* |
| ***TOTAL*** | ***€ 66,423.59*** |

***KONTESTAZZJONI MINN MAL FUQ L-AMMONT TA' € 50,000***

*Mis-somma ta' €66,423.59, hemm l-ammont ta' €50,000 illi huwa t-total ta' tlett pagamenti li VEL għamlu lill-bennej Joseph Farrugia permezz ta' tlett ċekkijiet (fn. 25 Dok JF 4, Dok JF 5, Dok JF 6) fl-ammonti ta' €10,000, €20,000 u €20,000 rispettivament. VEL iddikjarat li dawn huma tlett ċekkijiet li ħarġu mil-kontijiet tagħha fil-bidu tal-proġett qabel ma nfetaħ il-kont bankarju ta' OMD u wara żewġ pagamenti inizjali ta' VEL lil Farrugia stess.*

*Is-somma totali li ġie mħallas lil Farrugia hi €289,000, inkluż il-€50,000 kkontestati minn MAL. Dan it-total huwa s-somma ta' pagamenti imniżlin f'Dok AA li hija annessa mal-affidavit ta' Joseph Vella kif ukoll korrelata mad-dokumenti illi ppreżenta Marquette.*

| | | |
|---|---|---|
| *Vella Estates* | *9-Apr-10* | *€ 10,000.00* |
| *Vella Estates* | *20-Apr-10* | *€ 10,000.00* |
| *Vella Estates* | *21-May-10* | *€ 10,000.00* |
| *Vella Estates* | *15-Jun-10* | *€ 20,000.00* |
| *Vella Estates* | *7-Jul-10* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *25-Aug-10* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *30-Sep-10* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *11-Oct-10* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *17-Nov-10* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *21-Jan-11* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *1-Mar-11* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *1-Apr-11* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *23-May-11* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *21-Jun-11* | *€ 20,000.00* |
| *OMD Limited* | *3-Apr-12* | *€ 30,000.00* |
| *OMD Limited* | *10-Jul-12* | *€ 9,000.00* |

***Lista ta' pagamenti li ħarġu minn OMD***

*Wara li nfetaħ il-kont tal-kumpannija, il-pagamenti bdew isiru b'mod immedjat mill-kont bankarju tal-OMD (fn. 26 Vide xhieda Joseph Marquette).*

*Mix-xhieda tal-Perit Bondin, jidher ċar illi sa fl-4 ta' Mejju tal-2010, l-ammont ta' €42,681.15 (fn. 27. Appendiċi J anness mar-rapport tal-Awditur John Zammit) kien iċċertifikat fi Bill 1. Għalkemm ma ġiex ippreżentat it-tieni kont tal-Perit Bondin, hemm evidenza tat-tielet kont illi ħareġ fil-25 ta' Lulju tal-2010. (fn. 28 Dok RFA 2 annessa fl-atti tal-ħdax-il seduta tat-13 ta' Marzu 2019; Dok JBA anness fl-atti tat-tnax-il seduta tal-11 t' April 2019)*

*Illi fil-fehma tal-Arbitru l-ammont li kien ħareġ sal-25 ta' Lulju 2010, u ċioe' ix-xogħol li kien diġà sar bħala xogħol fuq is-sit kien it-total ta' €82,129.38. (fn. 29 Dok JA 2 anness mal-affidavit tal-Perit Joseph Attard)*

| ***PERIT*** | ***NUMRU TAL-KONT*** | ***AMMONT*** |
|---|---|---|
| *PERIT JOSEPH BONDIN* | *1.0* | *€42,681.15* |
| *PERIT JOSEPH BONDIN* | *2.0* | *€31,059.47* |
| *PERIT JOSEPH BONDIN* | *3.0* | *€8,388.76* |
| *PERIT JOSEPH BONDIN* | *4.0* | *€37,869.15* |
| | | |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *1.0* | *€42,507.42* |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *2.0* | *€63,382.48* |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *3.0* | *€29,756.43* |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *4.0* | *€21,243.40* |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *5.0* | *€22,691.21* |
| *PERIT JOSEPH ATTARD* | *6.0* | *€2,135.69* |
| ***TOTAL*** | | ***€301,715.16*** |

***Ammont iccertifikati skont dokument ipprezentat mill-Perit Joseph Attard***

*Illi mill-kronoloġija ta' tali pagamenti, jirriżulta li t-tlett ċekkijiet (fn. 30 Dok JF 4, Dok JF 5, Dok JF 6) ta' ħamsin elf Ewro ma kienux pagamenti ad hoc, imma kienu parti minn sensiela ta' pagamenti li VEL kienet qegħda tħallas qabel ma kien hemm kont bankarju ta' OMD.*

*Illi s-*summary of expenses *(fn. 31 Dok JAX 2) iċċertifikata mil-Perit Attard jagħti il-* "Value of Works paid to Mason up to 21/03/2011" *ta' €190,000 illi hija l-istess ammont mogħti lil Farrugia skont id-dokumenti eżebiti.*

*Illi hemm kontestazzjoni fuq Dok. JAX 2 minn MAL fuq Bill 2 li ħareġ il-Perit Joe Attard u mix-xhieda ta' MAL u tal-Perit Attard ma joħroġx ċar x'kienu dawn id-differenzi fir-reviżjonijiet tal-istess kont ħlief li d-differenza bejn ir-reviżjoniet kien illi kien hemm qabża ta' madwar Ewro 40,000. Ma kienx hemm spjega teknika jew matematika għal dawn ir-reviżjonijiet minn għand MAL u lanqas minn għand il-Perit stess, għalkemm l-istess Perit iċċertifika l-aħħar ammont bħala korrett.*

*Joseph Vella jgħid fl-affidavit tiegħu u anke fil-kontro-eżami tiegħu su ċitata, li kull meta kien ikun hemm bżonn ta' pagament lill-bennej, VEL kienet toħroġ pagament direttament hu lill-bennej. Huwa jinsisti li Mallia kien jaf b'dawn il-pagamenti, u oltre minn hekk jgħid illi ħafna drabi dawn il-pagamenti kienu joħorġu fuq struzzjonijiet ta' Mallia stess. Minħabba d-diżgwid ta' bejn Emmanuel Mallia u Ġanni Vella, Mallia kien jirrifjuta li jmur l-uffiċċju ta' VEL sabiex jiffirma iċ-ċekkijiet li VEL kienet qegħda toħroġ, kif obbligat ruħha li tagħmel fil-ftehim ta' bejniethom. (fn. 32 Dok VE 3)*

*Illi l-ftehim bejn il-partijiet, ma kienx hemm klawżola li tiddetta li kull ċekk li VEL ser tkun qed toħroġ, kellu jkun b'xi mod jew ieħor approvat jew rikonoxxut bil-miktub minn MAL. Dan però fil-fehma tal-Arbitru ma jfissirx illi ċekkijiet jistgħu joħorġu mingħajr ftehim jew mingħajr dokumentazjoni rilevanti u riċevuti. Fil-fatt dan kien punt li ġie diskuss bir-reqqa waqt il-kontro-eżami tal-Awditur John Zammit li proprju allega li kien jeżisti tali ftehim. Madankollu meta mistoqsi sabiex jindika fejn jinsab dan il-ftehim, dan ma setax jagħmlu 'il għaliex il-ftehim bil-miktub ma hemmx.*

*Farrugia kkonferma kemm -il darba li kull pagament li rċieva mingħand VEL, irċivieh għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel fil-proġett tal-OMD, u minkejja li saru diversi allegazzjonijiet waqt is-smigħ tal-kawża li Farrugia rċieva flus mingħand VEL għal-xogħol ieħor li huwa kien qiegħed jagħmel għal VEL, provi baqgħu ma ġewx prodotti.*

***SPEJJES GHALL-PEDAMENTI - €10,126.90***

*Kontestazzjoni dwar xogħlijiet extra li saru fil-pedamenti eżistenti tal-blokka ġew ikkalkolati bħala somma ta' €10,126.90 (fn. 33 Dok AA8, Dok AA15, Dok AA16, Dok AA17, Dok AA18, Dok AA25, Dok. AA57, Dok AA55) illi tħallset minn VEL.*

*MAL jikkontendu li huma m'humiex responsabbli għal-xogħlijiet li saru fil-pedamenti, u dan peress illi Mallia jikkontendi li "*jien għandi x'naqsam mis-saqaf tal-garaxx 'l fuq*" (fn. 34 Paġna 3 tad-depożizzjoni ta' Emmanuel Mallia tat-28 ta' Jannar 2019)*

*Illi l-Perit Joseph Attard li fl-affidavit maħluf tiegħu qal b'mod kategoriku li:*

"Jiena kont ġejt inkarigat biex nispezzjona t-travi li kien hemm diġà installati. Sussegwentement għal dan, jien ikkonfermajt illi t-travi eżistenti kienu diġà tgħabbew bil-piż tal-flat slab u ż-żewġ sulari mibnija fuqha. Jien ikkonfermajt ukoll li sa fejn kien diġà ttella', la ma ġratx aktar ħsara, it-travi eżistenti kienu ċertament jifilħu l-piż. Jien umbagħad issuġġerejt li qabel ma jkompli jittella' l-bini, isiru xi testijiet biex jiġi kkonfermat li t-travi kienu b'saħħithom biżżejjed. Però niftakar ukoll li minkejja l-parir tiegħi, Emmanuel Mallia baqa' jinsisti li għandhom isiru iżjed travi ma' dawk li diġà kien hemm, u eventwalment hekk sar. Nikkonferma li t-testijiet fuq it-travi ġja eżistenti baqgħu qatt ma saru. Mallia baqa' jsostni li għax it-travi kienu mirdumin, allura dawn spiċċaw u bilfors riedu jiġu nfurzati" *(fn. 35 Affidavit tal-Perit Joseph Attard, maħluf fit-22 ta' Ottubru 2018)*

*Illi l-Perit Joseph Bondin qal li "*iċċekkjajt il-file u l-komputer u ma sibt xejn illi huwa rilevanti fir-rigward ta' travi għall-area fejn ġie ndikat il-bir*" (fn. 36 Paġna 4 tad-depożizzjoni tal-Perit Joseph Bondin tal-20 ta' Frar 2019). F'seduta li segwiet, u b'referenza għall-BOQ li jirrigwardja travi (fn. 37 Paġna 1 tad-depożizzjoni tal-Perit Joseph Bondin tal-22 t'April 2019 u Dok JBA 1), il-Perit reġa' xorta ma setax jikkonferma li dawk it-travi li jissemmew f'dik il-BOQ jirrelataw mat-travi li ddaħlu fil-pedament tal-binja eżistenti.*

***MULTA TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI***

*Illi għar-rigward tal-multa ta' Ewro 4,864.24, li MAL jikkontendu li OMD m'għandiex tkun responsabbli għaliha, li għandha titħallas lil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rita Mallia tgħid fl-*affidavit *tagħha li Ġanni Vella ssottovaluta l-proprjetà tiegħu sabiex jiffranka t-taxxa u li "*Ġanni dak iż-żmien ried li l-arja tiegħu tiġi stmata daqs id-dar tagħna*". Rita Mallia però tgħid illi l-arja tal-garaxxijiet ta' VEL kellha valur ogħla minn dak li ġie ddikkjarat.*

***AMMONTI OĦRAJN IKKONTESTATI***

*Kif jirriżulta minn Dok EM 1 (fn. 38 Dok EM 1 ġie preżentat permezz ta' nota tal-Av. Dr Raphael Fenech Adami fit-3 ta' Mejju 2018) hemm is-somma fil-fatt tammonta għal €1,432.45 (fn. 39 Dok. AA 11, Dok AA 12, Dok AA 47, Dok AA 48, Dok AA 56) illi*

*MAL jikkontendu lli dawn il-flus m'għandhomx jittieħdu mill-fondi tal-OMD miżmuma* in escrow*.*

*Illi VEL, tramite d-difensur tiegħu jitkellem dwar l-akbar ammont miċ-ċifra hawn fuq msemmija illi hija dik li tinsab f'Dok AA 56, u* ċioe' *fl-ammont ta' €578.20 u dwar ċifri oħrajn ukoll:-*

Dan l-ammont fil-fatt tħallas sabiex saret tieqa fil-maisonette ta' Mula, li tagħti għal fuq il-faċċata tal-komun ta' barra tal-maisonettes. Hija ironika kif MAL jikkontendu li din it-tieqa partikolari ma jħallsux għaliha, meta fit-twieqi identiċi li saru fil-maisonettes l-oħrajn, dawn tħallsu minn OMD mingħajr problemi ta' xejn. Attwalment il-ftehim kien li VEL jieħu ħsieb il-finishing tat-tlett maisonettes tiegħu, MAL jagħmlu l-finishings tat-tlett maisonettes tagħhom, u l-aħħar tlieta jinqasmu nofs bin-nofs. Il-maisonette ta' Mula kien proprju wieħed minn dawn tal-aħħar u għalhekk dan suppost kellu jinqasam bejn iż-żewġ partijiet. MAL għadu sal-llum il-ġurnata jrid jispjega x'kienet l-oġġezzjoni tiegħu fuq din it-tieqa. Meta ġie mistoqsi u allura ingħata iċ-ċans li jagħti spejgazzjoni, Emmanuel Mallia kien pront u wieġeb "ma naqbilx mal-kont ta' Mula għaliex dak huwa parti tal-finishes u l-finishes ħadu Ġanni". *(fn. 40 Paġna 2 tal-Kontro-eżami ta' Emmanuel Mallia fit-22 ta' Mejju 2019)* VEL minn naħa tagħha tikkontendi li la l-ftehim kien li l-aperturi li jagħtu għal fuq il-front common area kellhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet, kif fil-fatt ġara fil-każ tal-maisonettes l-oħrajn, bl-istess mod OMD għandha tkopri din l-ispiża hi ukoll.

Somma oħra li hija kkontestata hija dik li tinsab msemmija f'Dok AA 48. Din hija s-somma (€300) li tħallset lil Stephen Micallef tal-Fire & Security Engineering u li kienet tirrappreżenta depożitu sabiex isiru fire alarm u fire door fil-basement. Madankollu kif jikkontendi Joseph Vella fl-affidavit tiegħu, sussegwentement MAL ma riedux illi dan isir u għalhekk id-depożitu ntilef. Huwa jkompli jgħid li dan kien ser isir fuq parir li kien tahom l-Inġinier Alfred Wilson u li kien tħallas is-somma ta' €75 kif indikat f'Dok 47. Diffiċli sabiex wieħed jifhem x'inhi r-raġuni għalfejn MAL ma riedux li dawn il-miżuri tas-sigurtà jittieħdu, miżuri li ma qamx filgħodu Ġanni Vella u qal 'nixtieq inwaħħal fire door', imma miżuri li kienu ordnati biex isiru minn persuni professjonali f'dan il-qasam. Fl-istess Dok. AA 47 hemm ukoll nota interessanti li tgħid "Manuel Mallia to pay ½ share of this amount €75/2 = €37.50". Naturalment din tfisser li bħal kull ħaġa oħra f'dawn il-proċeduri, il-partijiet setgħu jew ħallsu nofs bin-nofs, jew ħallsu mil-flus tal-kumpannija.

Minn barra dawn l-ammonti li ssemmew fil-punti preċedenti, l-ammonti li jibqa' huma relattivament żgħar u li VEL tikkontendi li huma spejjeż relatati mal-proġett tal-OMD. Joseph Vella spjega fl-affidavit tiegħu li dawn huma verament spejjeż relatati

mal-OMD, u anke jipprovdi numru ta' cheque images, irċevuti fiskali u dokumenti oħrajn sabiex jipprova dak li qiegħed jgħid. Minn naħa tagħhom MAL sempliċiment jgħidu li ma jaqblux, mingħajr ma jagħtu spjegazzjoni, jipprovdu dokumenti, jew xi forma ta' prova oħra 'il għaliex qegħdin issostnu li dawn il-flus m'għandhomx jitħallsu.

***KONKLUŻJONIJIET***

*Illi hija il-fehma tal-Arbitru illi ma hemmx dubju u mhux ikkontestat illi l-flus neċessarji għall-progett nħarġu mil-kontijiet ta' VEL u li VEL onorat l-obbligi kuntrattwali tagħha. Dan jista' jingħad b'ċertezza minħabba id-diversi provi li ġew prodotti mir-rikorrenti u li, in ogni caso, ma kienux ikkontestati mill-intimati.*

*Illi l-ammont mitlub minn VEL, il-parti kbira tiegħu (€50,000) MAL qegħdin isostnu li Emmanuel Mallia missu ffirma l-approvazzjoni tiegħu għal dawn il-pagamenti, u la ma sarx hekk, qed joġġezzjonaw iżda ma ġabux provi jew imqar raġuni għaliex qed joġġezzjonaw.*

*MAL għamlu ċertu allegazzjonijiet illi għalihom ma ġabu l-ebda prova sabiex jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom, u din naqset mil-kredibilità tagħhom f'dan ir-rigward. Dawn l-allegazzjonijiet qatt ma ġew ippruvati. MAL għamel ħafna emfażi fuq kwistjonijiet bħalma huma l-*ventilation grille*, il-*compliance certificate*, ir-refużjoni tal-VAT u l-kwistjoni ta' Mula illi fuqhom l-Arbitru mhijiex konvinta u li fil-verità dawn huma biss kwsitjonijiet illi f'kwalunkwe proġett, wieħed ikollu iħabbat wiċċu magħhom. L-Arbitru hija tal-fehma illi dawn il-kwistjonijiet m'għandhomx rilevanza diretta għat-talbiet u l-kontro-talbiet in eżami.*

*Għaldaqstant, fuq naħa hemm ix-xhieda ġuramentata ta' Ġanni Vella, Joseph Vella, Joseph Marquette u Joseph Farrugia, bid-dokumentazzjoni neċessarja kollha, ix-xhieda tal-Perit Bondin u l-Perit Attard kif ukoll riċevuti, dokumenti bankarji u anke* paper trail.

*Min-naħa l-oħra hemm ix-xhieda ta' MAL li minkejja l-allegazzjonijiet tagħhom rigwardanti dawn il-€50,000, ma kellhom l-ebda prova, jew raġunar siewi sabiex jissustanzjaw it-teżi tagħhom ħlief rapport ta' Zammit illi minnu l-Arbitru mhijiex konvinta u illi parti minnu saħansitra sfilzat.*

*Illi l-ftehim kien iffimat minn Vella u mill-konjuġi Mallia u ma kien hemm imkien miktub illi għal kull cheque jew pagament li jinħareġ favur il-proġett riedu jiffirmaw żewġ minn nies u ċioe' Vella u Emmanuel Mallia. L-Arbitru tqis illi r-raġuni għalfejn Emmanuel Mallia sostna illi l-ftehim kien li sew hu u sew Ġanni Vella kellhom jiffirmaw xi karta sabiex il-pagament ikun validu huwa wisq frivolu u mhux munit minn ebda*

*prova. L-istess raġunar seta' ta lok għal possibilità jew ħtieġa li Rita Mallia għandha ukoll tiffirma jew taqbel mal-ammonti li kieku qedin jitħallsu.*

*Ir-raġunar illi peress illi il-karta annessa jew kreata meta ħallas ammont lil terza persuna hijiex iffirmata minn MAL u għalhekk mhijiex valida mhijiex waħda raġonevoli, u li ma ġiet pruvata, peress illi lanqas kien hemm obbligu illi l-partijiet jiffirmaw karta sabiex joħorġu ċekkijiet. Illi il-fatt li Rita Mallia ma setgħet tgħid xejn iktar minn li żewġha ma jaqbilx maċ-ċekkijiet mhuwiex argument solidu u lanqas mhu munit b'raġunar.*

*Illi MAL ma ġabx provi illi dawn il-ħmistax -il elf kienu extra jew miżjuda jew għal xi proġett ieħor, lanqas ma waqqaf milli jiffirma għal pagamenti sussegwenti, anke mill-kont ta' OMD, sakemm jiġi ċċarat xi dubju li kellhom dwar din iċ-ċifra. Kien biss wara li nbniet il-binja illi dawn it-tlett ċekkijiet kienu dubbjużi għal MAL, illi kien dejjem konxju ta' x'qed jiġri fuq il-lant tax-xogħol u li kien anke jkun preżenti meta kien hemm il-kejl tax-xogħol tal-bennej mill-Perit.*

*Ħareġ ċar mill-provi illi meta Emmanuel Mallia kien tal-fehma illi l-affarijiet ma kinux qed jimxu kif suppost, hu ħa deċiżjoni u, per eżempju, waqqaf is-servizzi tal-Perit Attard u ta' Spiteri Bailey. Illi r-raġuni għaliex Bill 2 maħruġ mill-Perit Joseph Attard kien daqshekk ambigwu u ma ġiex spjegat għalfejn kien hemm differenzi u għaliex ma ġewx ippreżentati* takeoffs *jew xi spjega oħra, għalkemm jitfa' dell ikrah fuq il-Perit, ma jistax jintuża bħala arma sabiex jelimina il-validità ta' ħamsin elf inhasa u ċċertifikati mill-Perit Bondin.*

*Il-fatt ill kien hemm diversi periti responsabbli għas-sit, mill-Perit Gatt, għall-Perit Spiteri, għall-Perit Bondin, wara l-Perit Attard u finalment il-Perit Micallef juri illi kien hemm nuqqas ta' konsistenza fl-organizzazzjoni tal-kontijiet u nuqqas ta'* follow up*. Jekk kien hemm dubji jew nuqqas ta' fiduċja fil-kontijiet ċertifikati tal-Periti, setgħu faċilment gew iċċekkjati minn* quantity surveyor *indipendenti u appuntat miż-żewġ partijiet. Dan ma jidhirx illi qatt kien proponut.*

*Illi MAL xorta waħda ffirma l-*audited accounts*. Kien hemm xhieda illi kkonfermaw illi Mallia kellu xi* reserve *iżda ir-raġuni għaliex u għalfejn ma ġietx rikonoxxutha u lanqas indirizzata.*

*Illi l-Arbitru ħadet konjizzjoni tal-fatt illi Emmanuel Mallia sostna kemm -il darba u insista illi l-ftehim kien mis-saqaf tal-garaxxijiet 'il fuq u ma kienx jinkludi tibdil fil-garaxxijiet. Illi fl-opinjoni tal-Arbitru l-flus illi nħarġu sabiex jiġi ssudati l-pedamenti sabiex jitkompla il-bini fuq l-arja tal-garaxxijiet huma responsabbilitá ta' OMD għaliex huma inħarġu għal xogħol ulterjuri li kellu bżonn isir minħabba l-iżvilupp innifsu u li*

*kaġun tiegħu gawdew sew VEL u sew MAL. Huwa ċertament l-obbligu ta' min jiżviluppa u f'dan il-każ OMD illi jagħmel tajjeb għax-xogħol illi huwa neċessarju għas-suċċess tal-bini.*

*L-Arbitru osservat illi ma kienx hemm kontestazzjoni minn MAL għal bżonn ta' tali rinfurzar kif spjegat fis-sottomissjonijiet finali tad-difensur tiegħu. In oltre, ħareġ ċar mill-provi illi Mallia kien insista illi tali xogħol kien assolutament neċessarju.*

*Għaldaqstant ma kienx kwistjoni fejn VEL ried jagħmel ix-xogħol u li MAL ma riedx. Kien pjuttost MAL illi nsista għaliha. Il-periti Bondin u Attard it-tnejn li huma sostnew illi kien hemm bżonn dan ix-xogħol u r-responsabbilità fl-aħħar mill-aħħar u skont il-liġi ċivili taqa' fuq il-periti u fuq il-kuntrattur, iżda l-istruzzjonijet huma dettati mill-perit.*

*Għaldaqstant il-kwistjoni hija biss* min ħa jħallas għalija*? Iċ-ċifra u t-testijiet u l-istruttura preżenti huma totalment irrilevanti għall-piż tad-domanda min ħa jħallas. Fil-fehma tal-Arbitru, illi peress illi il-partijiet it-tnejn gawdew minn din id-deċiżjoni illi l-istruttura tiġi msaħħħa, l-ispiża għandha titħallas minn OMD, illi hija responsabbli għal dawn l-ispejjeż li nqalgħu waqt il-kostruzzjoni tal-proġett.*

*Illi l-Arbitru ħadet konjizzjoni ta' kif ġie orkestrat il-ftehim bejn il-partijiet u kif ġew assenjati l-proprjetajiet tagħhom. Illi mill-lat ta' prattikalità, hemm l-ugwaljanza u l-bilanċ tal-valuri ugwali ta' tali proprjetajiet u għaldaqstant, filwqat illi l-Arbitru mhijiex ha tidħol fil-mertu ta' kif ġew stmati l-fondi, huwa ċar illi l-multa ġiet imposta għaliex ittieħdet id-deċiżjoni mill-partijiet illi l-valuri jkunu ugwali u għaldaqstant, il-partijiet huma it-tnejn repsonsabbli għal dawk il-figuri.*

*Illi jsegwi illi VEL kien ħa jkun vantaġġjat ferm iżjed jekk l-valur tal-arja tagħha ikun ogħla mid-dar ta' Mallia, għax dan kien ifisser li VEL tieħu sehem ta' proprjetà ikbar minn MAL, iżda kien hemm ftehim bejn VEL u MAL li l-proprjetajiet għandhom jingħataw l-istess stima sabiex ikunu jistghu jinqasmu kollox nofs bin-nofs.".*

## Talba għal tifsira tad-deċiżjoni

5. Fl-1 ta' Lulju, 2020 is-soċjetà intimata ppreżentat rikors fl-atti tal-istess arbitraġġ fejn talbet lill-Arbitru sabiex tagħti tifsira tad-deċiżjoni appellata, iżda partikolarment dwar il-kalkoli hemm indikati, u jekk jirriżulta żball fil-komputazzjoni, żball klerikali jew żball tipografiku jew kull żball ieħor *ai termini*

tal-artikolu 48 tal-Kap. 387, talbet lill-Arbitru sabiex tordna t-tiswijiet relattivi. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet fit-13 ta' Lulju, 2020 fejn ikkontendiet li l-ammont misluf minnha lis-soċjetà intimata kien dovut lura fl-intier tiegħu.

6. Id-deċiżjoni tal-Arbitru tgħid kif ġej:

"- *Illi l-Arbitru rat ir-rikors ta' Old Mill Developments Ltd datat l-1 ta' Lulju 2020, kif ukoll ir-risposta ta' Vella Estates Ltd datata t-13 ta' Lulju 2020.*

- *Illi l-Arbitru tirreferi għal-Lodo Finali u ċioe għal parti sussegwenti għal parti f'Fol 15 illi rreferiet għaliha Old Mills Developments Ltd fir-rikors taghha, li taqra kif gej:*

  "Illi MAL qegħdin jagħtu tlett raġunijiet prinċipali għalfejn fl-opinjoni tagħhom, VEL m'għandiex titħallas id-€79,753.70.

  A. L-ewwel raġuni hija minħabba li sar ammont ta' xogħol fil-pedamenti tal-garaxxijiet eżistenti fejn il-ġibjun eżistenti li fuqhom kellha tiġi żviluppata l-arja tal-garaxxijiet u ċioe' is-somma ta' €10,126.90. MAL xehed li huma għandhom x'jaqsmu biss ma kull xogħol li sar mis-saqaf tal-garaxxijiet 'il fuq.
  B. It-tieni raġuni hija li VEL ħallset €50,000 lil Joseph Farrugia għal DB Construction u għal dawn iċ-ċekkijiet ma kienx hemm il-kunsens minn MAL.
  C. It-tielet raġuni hi li l-multa mis-CIR ta' €4,864.24 m'għandux ibagħtiha OMD.

  Iċ-ċifri elenakati f'Dok EM 1, fejn MAL indikaw b'X' u li qegħdin jirrifjutaw li dawn il-flus jiġu rilaxxati favur VEL, jammontaw għal €66,423.59 u għaldaqstant, fil-fehma tal-Arbitru MAL m'għandhomx oġġezzjoni li d-differenza fl-ammont ta' €13,330.11 hija dovuta lill-VEL."

- *Illi l-Arbitru żżid tispjega wkoll illi t-talba ta' Vella Estates Ltd hija għas-somma ta' €79,753.70 illi toħroġ bħala d-differenza bejn l-ammont ta' €374,755.06 (fn. 1 Kumulazzjoni ta' spejjeż illi Vella Estates Limited ħarġet tul il-proġett) u s-somma ta' €295,001.36 li diġà tħallsu lura mir-rikavat tal-bejgħ tal-maisonettes.*

*Għaldaqstant is-somma ta' €72,377.53 illi ġiet ikkalkulata fir-rikors ta' Old Mill Developments Limited bħala n-nofs l-ammont id-differenza bejn €23,000 u €374,755.06 hija essenzjalment żbaljata għaliex it-talba għal €79,753.70 tar-rikorrenti hija kkalkulata kif spjegat.".*

**Ir-Rikors odjern**

7. Old Mill Developments Limited (C 49801), Emanuel Mallia fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Old Mill Developments Limited (C 49801) u Emanuel Mallia (K.I. 665952M) u Rita Mallia (K.I. 450655M) persolament, ippreżentaw ir-rikors odjern fl-10 ta' Awwissu, 2020, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"(1) tiddikjara illi John Vella, fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Old Mill Developments Limited, naqas milli josserva l-obbligi fiduċjarji minnu dovuti lill-azzjonisti tal-istess soċjetà u lill-istess soċjetà nnfisha,*
>
> *(2) tiddikjara u tiddeċiedi li xi parti fil-ftehim tal-arbitraġġ kellha xi inkapaċità li żżommha milli tidħol f'dak il-ftehim tal-arbitraġġ;*
>
> *(3) tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta;*
>
> *(4) tiddikjara u tiddeċiedi li l-ftehim tal-arbitraġġ ma kienx validu skont il-Liġi li għaliha huwa suġġett;*
>
> *(5) tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-lodo mertu ta' dawn il-proċeduri datat 4 ta' Ġunju 2020, fl-ismijiet premessi permezz ta' liema it-talbiet ta' Vella Estates Limited ġew milqugħa, flimkien mal-lodo addizzjonali tal-24 ta' Lulju 2020, m'għandhiex tiġi eżerċitata u għadha titwarrab ai termini tal-Art 70 tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-istess Vella Estates Limited."*

8. Permezz ta' nota ppreżentata fis-26 ta' Awwissu, 2020 ir-rikorrenti odjerni stqarrew li r-rikors odjern mhux rikors tal-appell iżda rikors *ai termini* tal-artikolu 70 tal-Kap. 387, u l-kliem miżjuda fl-att promotorju saru mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha.

**Ir-Risposta tas-soċjetà rikorrenti**

9. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet għar-rikors tar-rikorrenti odjerni fis-6 ta' Novembru, 2020, fejn b'mod preliminari ssollevat li (a) l-appell kif magħmul ma kienx konformi mal-istatut tas-soċjetà intimata; (b) il-persuni l-oħra indikati fir-rikors m'għandhomx *locus standi* sabiex jintavolaw l-imsemmi rikors. Fil-mertu s-soċjetà rikorrenti ssottomettiet li l-proċeduri odjerni kienu biss tentattiv frivolu ieħor sabiex is-soċjetà rikorrenti tiġi mċaħħda mill-ħlas dovut lilha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra s-sottomissjonijiet li r-rikorrenti odjerni qegħdin iressqu in sostenn tat-talbiet miġjuba fir-rikors tagħhom, u dan filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet li għamlet is-soċjetà rikorrenti fit-tweġiba tagħha.

11. Ir-rikorrenti odjerni jgħidu li huma jħossuhom aggravati mil-lodo arbitrali għaliex il-proċeduri arbitrali proprju huma milquta minn dawn iż-żewġ nuqqasijiet: (i) xi parti tal-ftehim tal-arbitraġġ kienet inkapaċi li tidħol f'dak il-ftehim, jew l-istess ftehim ma kienx validu skont il-liġi li l-partijiet għamluh suġġett għaliha; u (ii) il-lodo arbitrali kien imur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta. Is-soċjetà intimata tibda billi tispjega l-isfond tal-proċeduri ta' arbitraġġ li ġew maħluqa permezz ta' skrittura tal-15 ta' Frar, 2018, fejn dehru min-naħa waħda Emmanuel Mallia u John Vella in rappreżentanza ta' Old Mill Developments Limited, u min-naħa l-oħra l-istess John Vella in rappreżentanza ta' Vella Estates Limited. Ir-rikorrenti odjerni jgħidu li sussegwentement saret skrittura oħra fil-

15 ta’ Mejju, 2018 bejn l-istess imsemmija partijiet u anki Emmanuel Mallia personalment. Jissottomettu li b’hekk John Vella deher fuq l-istess skrittura għal żewġ soċjetajiet b’interessi opposti għal xulxin, u peress li l-gwadan ta’ waħda kien ifisser it-telf tal-oħra, dan kien jikkostitwixxi eżempju klassiku ta’ kunflitt ta’ interess. Jirrilevaw li dan l-kunflitt ta’ interess saħansitra jagħrfuh l-*Articles of Association* tas-soċjetà intimata fejn John Vella mhux intitolat li jkollu vot, liema artikoli iżommu wkoll ferm dak li tipprovdi għalih l-Ewwel Skeda tal-Kap. 386. B’hekk jikkontendu li meta ġiet iffirmata l-iskrittura tal-15 ta’ Frar, 2018, John Vella ma kellu l-ebda kapaċità li jiffirma dak id-dokument stante l-kunflitt ta’ interess tiegħu. Ir-rikorrenti odjerni jiċċitaw dak li jipprovdi għalih l-artikolu 136A tal-Kap. 386 in sostenn tal-argument tagħhom, u anki s-subartikolu 1124A(4) tal-Kap. 16 fir-rigward tal-obbligi fiduċjarji ta’ direttur. Għalhekk jirrilevaw li l-pożizzjoni ta’ John Vella bħala direttur ma baqgħetx aktar tenibbli meta s-soċjetà rikorrenti fejn huwa kien direttur u anki azzjonist, aġixxiet kontra s-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti odjerni jagħmlu riferiment għall-iskrittura tal-15 ta’ Frar, 2018 fejn John Vella kien deher u ffirma għan-nom taż-żewġ partijiet, u fejn f’nifs wieħed kien qed jingħad li s-soċjetà rikorrenti għandha kreditu fil-konfront tas-soċjetà intimata u li dan ma kienx dovut, u b’hekk dik l-iskrittura kienet waħda kontradittorja. In vista tal-obbligi fiduċjarji tiegħu lejn iż-żewġ soċjetajiet, ir-rikorrenti odjerni jargumentaw li John Vella qatt ma kellu l-kapaċità li jidħol fil-ftehim tal-15 ta’ Frar, 2018. Aktar minn hekk jissuġġerixxu li kien hemm kunflitt ta’ interess meta l-istess direttur kien attur u anki rappreżentant tas-soċjetà intimata fl-istess proċeduri. Dwar is-sottomissjoni tagħhom li l-proċeduri arbitrali u l-lodo arbitrali stess imorru kontra l-ordni pubbliku ta’ Malta, ir-rikorrenti odjerni jibdew billi jgħidu li l-liġi tagħna tgħabbi

lid-direttur ta' kumpannija b'diversi obbligi, fosthom li huwa għandu jimxi fl-aħjar interess tagħha u anki obbligi oħra ta' natura fiduċjarji li ma kien hemm l-ebda deroga minnhom. Fil-każ odjern l-aġir ta' John Vella kien imur direttament kontra dawn l-obbligi legali u dawk relatati mal-okkupazzjoni tal-kariga ta' direttur, u b'hekk ukoll kontra l-ordni pubbliku ta' Malta. Jissottomettu li l-istess John Vella kien għażel l-interessi ta' kumpannija fuq oħra, u għalhekk is-soċjetà intimata baqgħet ma kinitx irrappreżentata skont l-*Articles of Association* bi preġudizzju għall-azzjonisti tagħha. Ir-rikorrenti odjerni jgħidu li dan kollu imur kontra l-ordni pubbliku Malti fejn il-liġi kienet tirrikjedi li kull parti f'proċeduri ġudizzjarji għandha tkun preżenti, rappreżentata u jkollha *equality of arms,* filwaqt li jiġu mħarsa l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Jgħidu imma li fil-każ odjern John Vella kien għażel naħa fuq oħra. Ir-rikorrenti odjerni jżidu jgħidu li l-lodo arbitrali kien msejjes fuq xhieda li m'għandhiex mis-sewwa u hawn ukoll kien imur kontra l-ordni pubbliku. Ir-rikorrenti odjerni jirrilevaw punt ieħor li huwa n-nuqqas ta' validità tal-ftehim tal-arbitraġġ. Jibdew billi jgħidu li kienu bosta l-prinċipji ta' dritt Malti li ġew miksura fil-ftehim tal-arbitraġġ, u b'hekk ukoll fil-proċeduri arbitrali li segwew, li għal din ir-raġuni għandhom jitwarrbu. Ir-rikorrenti odjerni jagħlqu s-sottomissjonijiet tagħhom billi jsostni li għal dawn ir-raġunijiet kollha għandu jitwarrab il-lodo arbitrali a tenur tal-artikolu 70 tal-Kap. 387.

12. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li meta d-diretturi kienu ltaqgħu fil-15 ta' Frar, 2018 u sussegwentement fil-15 ta' Mejju, 2018, kien ġie miftiehem li jitqabbad arbitru sabiex jisma' l-provi u jagħti d-deċiżjoni finali li ma kellhiex tkun soġġetta għal appell. Iżda Emmanuel Mallia li kien istitwixxa wkoll

proċeduri quddiem l-istess Arbitru fl-ismijiet **Emmanuel Mallia *vs.* Old Mill Developments Limited** Arb. Nru 5408/2018, fejn l-imsemmi Arbitru ċaħdet it-talbiet tiegħu għall-ħlas ta' €6,333.61, ippreżenta talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-Avukat Shazoo Ghaznavi, jiġifieri s-segretarju tas-soċjetà intimata, li kien qed iżomm l-flus tagħha f'*escrow account,* ma jeżegwiex id-deċiżjoni tal-Arbitru fil-proċeduri odjerni. Iżda t-talba kienet ġiet iddikjarata irrita u nulla mill-Qorti, stante li din ma kinitx konformi mal-istatut tas-soċjetà intimata, u hawnhekk is-soċjetà rikorrenti tiċċita dik il-parti tad-digriet fejn il-Qorti għarfet li ma kellu jsir l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru. Minkejja dan kollu, is-soċjetà rikorrenti tgħid li r-rikorrenti odjerni għażlu li jsir dan l-appell. Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li l-partijiet kienu ressqu quddiem l-Arbitru indipendentement u volontarjament u huma kienu ġew assistiti mill-konsulenti legali rispettivi tagħhom meta ffirmaw l-iskritturi msemmija. Is-soċjetà rikorrenti tissottometti li r-rikorrenti odjerni jallegaw li John Vella min-naħa tiegħu ffirma l-iskritturi *in mala fede,* iżda r-rikorrenti odjerni jonqsu milli jgħidu li huma stess personalment intavolaw ukoll proċeduri t'arbitraġġ kontra l-kumpannija tagħhom stess. Is-soċjetà rikorrenti tkompli tissottometti li r-rikorrenti odjerni kienu qegħdin jagħmlu tentattiv sabiex jannullaw żewġ skritturi għaliex l-Arbitru waslet għal konklużjoni differenti minn dik li xtaqu huma. Is-soċjetà rikorrenti tiċċita l-artikolu 993 tal-Kap. 16 u tagħmel riferiment għall-prinċipju li ftehim għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet, kif dan huwa spjegat fil-ġurisprudenza. Tagħlaq billi tiddikjara li permezz tal-proċeduri preżenti Emanuel Mallia qed jagħmel tentattiv ieħor sabiex jivvessa lis-soċjetà rikorrenti fid-drittijiet tagħha, bil-konsegwenza ta' ħela ta' ħin u flus għaliha u agħar ħela wkoll ta' ħin prezzjuż ta' din il-Qorti.

13. Il-Qorti tibda billi tgħid li kif tixhed it-talba tar-rikorrenti odjerni, dan huwa rikors magħmul *ai termini* tal-artikolu 70 tal-Kap. 387, fejn ir-rikorrenti odjerni qegħdin jitolbu li l-lodo arbitrali, flimkien mat-tifsira ta' dik id-deċiżjoni li ġiet mitluba tagħmel l-Arbitru *ai termini* tal-artikolu 47, għandhom jiġu mwarrba.

14. Imma l-Qorti mill-ewwel tagħraf li r-rikors odjern huwa biss tentattiv sabiex jitwarrab il-lodo arbitrali u dik il-kjarifika addizzjonali tiegħu kif magħmula mill-Arbitru, permezz ta' proċedura li mhijiex dik ta' appell, u dan fejn il-ftehim li sar bejn il-partijiet fil-15 ta' Frar, 2018 u anki dak li sar fil-15 ta' Mejju, 2018 ma jippermetti l-ebda appell. Ammess il-fatt li kull wieħed minn dawn il-ftehim ma jeskludiex espliċitament il-proċedura kontemplata permezz tal-artikolu 70 tal-Kap. 387, il-Qorti qabelxejn tikkonsidra li kif ser tispjega, jirriżulta li r-rikors odjern imur kontra l-ispirtu tal-imsemmija ftehim.

15. Minn dak li ġie miftiehem permezz tal-iskritturi tal-15 ta' Frar, 2018[4] u tal-15 ta' Mejju, 2018[5], jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li l-vertenza bejn il-partijiet, u li huma ssottomettew għal proċeduri ta' arbitraġġ, kienet tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas mis-soċjetà rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata, wara dik tal-ewwel iffinanzjat permezz ta' self xogħlijiet ta' twaqqigħ u ta' rikostruzzjoni eżegwiti mit-tieni kumpanija.[6] Il-Qorti hawn iżżid tgħid li almenu f'dak l-istadju, il-vertenza ta' bejniethom kienet waħda relatata strettament mal-kwistjoni ta' dak li kellu jitħallas lis-soċjetà rikorrenti wara li ġew eżegwiti

[4] Dok. VE3 *supra*.
[5] Dok. VE4 *supra*.
[6] Ara Dok. VE 2 *supra*.

x-xogħlijiet, tant li l-partijiet ftiehmu li għandha tiġi nominata Perit Arkitett fil-kariga ta' Arbitru u saħansitra ntrabtu b'mod ċar u inekwivoku li d-deċiżjoni tagħha kellha tkun finali u minnha ma seta' jsir l-ebda appell. L-Avviż tal-Arbitraġġ intavolat mis-soċjetà rikorrenti huwa xhieda wkoll ta' dan, filwaqt li l-ebda Risposta ma ġiet intavolata min-naħa tas-soċjetà intimata, li matul il-proċeduri tal-arbitraġġ fl-ebda ħin ma ressqet l-ilmenti li issa qiegħda tagħmel quddiem din il-Qorti. B'hekk għandu jingħad li jekk jintlaqa' r-rikors odjern, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti jkollha effett li ċċaħħad lis-soċjetà rikorrenti mhux biss mid-dritt tagħha li tressaq dawk il-provi u s-sottomissjonijiet sabiex tirribatti dak li qiegħda tikkontendi s-soċjetà intimata, iżda wkoll minn eżami doppju tal-ilmenti ta' din tal-aħħar.

16. Il-Qorti tgħid ukoll li s-soċjetà intimata ottemporat ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-para (a) tal-artikolu 71A(2) tal-Kap. 387, fejn dan jitlob għal rekwiżit ieħor sabiex ikun jista' jsir rikors *ai termini* tal-imsemmi artikolu 70:

> *"71A. (1) Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu għal rikors għal twarrib jew appell taħt l-artikoli 70, 70A jew 70Ċ.*
>
> *(2) Rikors ma jistax isir jekk ir-rikorrent jew l-appellant ma jkunx qabel eżawrixxa –*
>
> > *(a) kull proċess kuntrattwali disponibbli ta' appell jew reviżjoni; u*
> >
> > *(b) kull mezz disponibbli taħt l-artikoli 47 (Tifsir tad-deċiżjoni), 48 (Tiswija tad-deċiżjoni) jew 49 (Deċiżjoni addizzjonali)."*

17. Fil-każ odjern kif diġà ngħad, meta l-partijiet iffirmaw il-ftehim tal-15 ta' Frar, 2018 u dak tal-15 ta' Mejju, 2018, huma ftiehmu wkoll li l-lodo arbitrali ma kellux ikun wieħed appellabbli u għalhekk is-soċjetà intimata volontarjament qegħdet lilha nnifisha f'pożizzjoni fejn ma setgħet qatt teżegwixxi dak li jitlob il-

para (a) tas-subartikolu 71A(2) tal-Kap. 387. B'hekk illum hija ma tistax tipprevalixxi ruħha mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 tal-Kap. 387 permezz tar-rikors odjern.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara r-rikors tar-rikorrenti odjerni tal-10 ta' Awwissu, 2020 bħala irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti odjerni.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**